– APPALTATUR LI QED IFITTEX HLAS MINGHAND IL-KOMMITTENT –
– REGOLAMENT 8 TAR-REGOLI DWAR TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (L.S. 380.01) –
– ART. 907(2) TAL-KAPITOLU 12 TAL-LIGIJIET TA' MALTA –
– PRESKRIZZJONI TAHT L-ART. 2149(A) KAPITOLU 12 TAL-LIGIJIET TA' MALTA –
– ART. 2160(1) KAPITOLU TAL-LIGIJIET TA' MALTA –
– KONCEPIMENT TAD-DATA TAD-DEKORRIMENT TAL-PRESKRIZZJONI: *ACTIO NATA* –
– DMIR LI SSIR REFERENZA GHAD-DOTTRINA JEW GHALL-GURISPRUDENZA B'MOD KORETT –

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Udjenza ta' nhar it-Tnejn, 30 ta' Mejju, 2022**

Avviz tat-Talba numru: **36/2020**

**RENNIE AZZOPARDI**
[K.I. NRU. 559877M]

***VERSUS***

**ATTEC COMPANY LIMITED**
[REG. NRU. C-10639]

B'Avviz tat-Talba introdott fid-29 ta' Jannar, 2020, l-attur talab li l-kumpannija konvenuta tigi kkundannata thallsu s-somma ta' erbghat'elef, erbgha mija, sitta u tmenin ewro u tlieta u disghin centenzmi (€4,486.93c) u dan wara li ppremettiet hekk:

> L-ammont mitlub jirrapprezenta l-bilanc li ghadu dovut mis-socjetà konvenuta ghal xoghol ta' elettriku, plumbing u drains li gie debitament ezegwit mill-attur fuq inkarigu ta' l-istess socjetà fuq fond gewwa il-Gharghur.
>
> Bl-ispejjez u bl-imghax legali, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali datata 21 ta' Frar, 2018 u ta' email legali datat 14 ta' Ottubru, 2017 kontra s-socjetà konvenuta, minn issa debitament ingunta ghas-subizzjoni.

B'Risposta mressqa fit-28 ta' Jannar, 2021, il-kumpannija konvenuta eccepiet hekk:

1. Illi preliminarjament it-talba attrici hija inammissibbli u insostenibbli a tenur tar-Regolament 8 tar-Regoli dwar Tribunal Ghal Talbiet Zghar (L.S. 380.01) in kwantu illi din hija t-tieni procedura illi r-rikorrenti pprezenta in konnessjoni mal-istess mertu, wara illi kienet giet intavolata mir-rikorrenti talba identika (Talba nru. 290/18CZ) illi kienet giet differita sine die waqt l-udjenza tas-26 ta' Frar, 2020 u li ghalhekk illum hija dezerta stante li ma gietx appuntata mill-gdid fiz-zmien perentorju ta' sitt xhur.

2. Illi preliminarjament ukoll qeghda tigi eccepita l-irritwalità u n-nullità ta' l-azzjoni tar-rikorrenti a tenur ta' l-Artikolu 907(2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta in kwantu illi r-rikorrenti naqas milli jhallas l-ispejjez ta' kawza ohra li huwa kien fetah ghall-istess haga (Talba nru. 290/18CZ), qabel ma beda' l-proceduri odjerni.

3. Illi prelimiarjament ukoll l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2149(a) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. F'kaz li dawn l-ewwel tlett eccezzjonijiet preliminari jigu michuda mit-Tribunal, allura r-rikorrenti jehtieglu jezebixxi l-fatturi kollha li huwa rrilaxxja u l-ircevuti tal-pagamenti kollha li saru. Inoltre, ghandu jaghti prova tax-xoghlijiet li saru, u min kien awtorizza li tali xoghlijiet isiru, oltre li x-xoghlijiet kollha li r-rikorrenti wettaq effettivament saru skond ma tirrikjedi s-sengha u l-arti. Dwar dan l-ahhar punt, ir-rikorrenti kien gie nfurmat diversi drabi li kien hemm xo xoghlijiet li kellhom jitrangaw izda dan kollu ta' xejn. Tant ma trangawx dawn ix-xoghlijiet li l-kumpannija konvenuta kellha tinkariga terzi sabiex jaghmlu tajjeb ghax-xoghlijiet imwettqa hazin mill-istess rikorrenti.

5. Illi l-ammont reklamat huwa kontestat.

6. Illi waqt l-andament tax-xoghlijiet li mhux kollha tlestew jew inkella li uhud minnhom saru hazin, l-istess rikorrenti jew l-addetti tieghu wettqu hsara fil-fond u huwa ghadu sal-lum ma ghamilx tajjeb ghalihom. Dwar dan, però, sejrin jinbdew procedure gudizzjarji appoziti quddiem il-Qorti komptetenti.

7. Finalment, jinghad li r-rikorrenti ghadu sal-lum lanqas biss ghadda l-Mechanical and Engineering Plans tax-xoghlijiet minnu mwettqa, kif lanqas ghadu ma ghadda r-rapport li kien gie nkarigat jaghmel tax-xoghlijiet hziena u/jew nuqqasijiet li kienu saru mill-kuntrattur precedenti ghalih.

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-ligi.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.

Fl-udjenza tal-24 ta' Frar, 2021 gie registrat is-segwenti verbal: "*Id-difensuri tal-partijiet jaqblu illi f'dan l-istadju il-vertenza tigi ristretta ghal trattazzjoni u provi dwar l-ewwel tliet eccezzjonijiet li huma ta natura legali.*" (*a fol*. 19). Fl-istess udjenza kien gie wkoll maqbul li, "*Minhabba n-*

*natura tal-eccezzjonijiet preliminari it-Tribunal jordna l-inverzjoni tal-provi biex b'hekk tibda' bil-provi s-Socjetà Konvenuta.*"

It-Tribunal, ikkunsidra l-provi dokumentarji mressqa mill-kontendenti u anke dawk testimonjali u ra u ezamina l-atti kollha ta' dan il-process u ha kont tas-sottomissjonijiet orali mwettqa fl-udjenza tat-22 ta' Gunju, 2021.

It-Tribunal jikkunsidra;

Kif diga' individwat *supra*, il-prezenti sentenza hija ristretta solament ghall-ewwel tlett eccezzjonijiet ta' natura preliminari u legali mqanqla mill-kumpannija konvenuta. L-imsemmija eccezzjonijiet sejrin jigu mistharga u decizi mit-Tribunal fl-istess ordni kronologiku ta' kif l-istess gew sollevati mill-kumpannija mharrka fir-Risposta taghha.

Bl-ewwel eccezzjoni, il-konvenuta tirrezisti ghall-azzjoni attrici billi tikkontendi li t-talba hija wahda inammissibbli u kif ukoll insostenibbli fid-dawl tar-Regolament 8 tar-'Regoli dwar Tribunal Ghal Talbiet Zghar' (L.S. 380.01) peress li l-prezenti kawza hi t-tieni kawza li l-attur ressaq b'rabta ma' l-istess mertu u dan wara li hu kien intavolata kawza quddiem dan it-Tribunal, diversament presedut, bir-referenza numru 290/2018, liema kawza ohra kienet giet aggornata *sine die* fis-26 ta' Frar, 2020 u li eventwalment kienet marret dezerta f'Awwissu, 2020[1] stante li l-istess ma kinitx giet ri-appuntata fiz-zmien perentorju li kienet tghid il-Ligi dak iz-zmien.

It-Tribunal mall-ewwel jghid li din l-eccezzjoni m'hijiex wahda tajba. Il-motivi wara tali asserzjoni isegwu hawn taht.

L-ewwel sub-inciz tar-Regolament 8 tal-L.S. 380.01 tal-Ligijiet ta' Malta jghid li, "*Kull parti tista' iċċedi talba jew kontro-talba matul kull seduta jew permezz ta' nota li tiġi preżentata fir-Reġistru*" u t-tieni sub-inciz jissokta jghid illi, "*Parti li ċċedi talba jew kontro-talba ma tistax iktar 'il quddiem tkompli għaddeja bihom jew terġa' tippreżenta xi talba oħra dwar dik l-istess talba jew kontro-talba*."

Minn harsa lejn il-proceduri l-ohra, ossia dawk bir-referenza numru 290/2018, turi li tali proceduri, mibdija fis-26 ta' Gunju, 2018, gew istitwiti mill-prezenti attur, Rennie Azzopardi (K.I. nru. 559877M), kontra Graziella DeCesare (K.I. nru. 0144063M) biss. Il-pretensjoni guridika f'tali proceduri l-ohra kienet identika ghal dik odjerna, kif ukoll huwa identiku l-ammont fihom reklamat (i.e., €4,486.93c). Il-*fundamentum agendi* u l-*causa petendi* f'tali proceduri l-ohra huma, sewwasew, identici ghal dawk imressqa ghall-iskritinju ta' dan it-Tribunal f'dan il-prezenti procediment. Madanakollu, ma jistax ighaddi inosservat il-fatt li l-kontradittur f'tali kawza ohra kienet Graziella DeCesare (K.I. nru. 0144063M) u mhux il-kumpannija li hija mharrka f'dawn il-proceduri. Fi kliem iehor, fil-kawza l-ohra (ref. nru. 290/2018), il-prezenti attur kien qed jitlob li

[1] *vide* xhieda ta' Etienne Scicluna fl-udjenza tal-4 ta' Mejju, 2021.

jithallas l-ammont ta' €4,486.93c minghand Graziella DeCesare (K.I. nru. 0144063M) *in personam* ghal xi xoghol li hu kien wettaq, filwaqt li f'din il-kawza l-istess attur qed jitlob li jithallas l-ammont ta' €4,486.93c minghand il-kumpannija 'Attec Company Limited' (reg. nru. C-10639) ghal xi xoghol li hu kien ezegwa.

Il-kumpannija konvenuta targumenta li kliem il-legislatur jirreferi ghall-istess talba jew kontro-talba u ma taghmilx referenza li l-proceduri jkunu kontra l-istess parti mharrka. Dan it-Tribunal ma jaqbilx ma' tali linja ta' hsieb.

Ghandu jkun palezi illi meta l-legislatur – tramite r-Regolament 8 tal-L.S. 380.01 tal-Ligijiet ta' Malta – qed jitkellem dwar ir-rinunzja ta' talba jew kontro-talba permezz ta' nota u li meta tali parti taghmel hekk, l-istess tkun prekluza milli tissokta jew terga' tressaq l-istess talba jew kontro-talba, l-istess legislatur jinsab implictament jirrikjedi li l-imsemmija tieni vertenza ma tkunx biss dwar l-istess identiku mertu (*eadem causa petendi*), jew dwar l-istess identiku oggett (*eadem res*), izda wkoll li din tkun bejn l-istess identici partijiet (*eadem personæ*). Wara kollox, kif ritenut fid-decizjoni *in re* **Neg.te Joseph Gasan v. Giuseppe Scerri et** (Qorti tal-Kummerc, 16 ta' Gunju, 1931), "*la rinunzia agli atti di regola importa la estinzione della procedura, e non quella dell'azione, ed in conseguenza la rinuncia con animo di meglio derigersi lascia aperto il diritto alla riproposizione della stessa domanda.*"[2] Inoltre, ghandu jkun pacifiku li l-azzjoni titqies li tigi istitwita mill-gdid mill-parti rinunzjanti meta din mhux biss tkun fuq l-istess mertu imma wkoll kontra l-istess persuna. F'dan irrigward issir referenza ghas-sentenza parzjali *in re* **Accountant General v. Anthony Gauci** (Appell Superjuri, 23 ta' Mejju, 2000; mhux pubblikata).

Issa, nonostanti li l-kawza precedenti bir-referenza numru 290/2018/CZ ma kinitix giet ceduta mill-parti li ressqitha, l-istess kienet waqghet f'dezerzjoni minhabba t-trapass ta' zmien perentorju (ta' sitt xhur)[3] mid-data li fiha kienet giet differita *sine die* (i.e., fl-udjenza tas-26 ta' Frar, 2020) u dan skond l-Art. 964 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Madanakollu, skond is-sitt (6) sub-inciz ta' l-Art. 963 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, "*Bid-deżerzjoni ta' kawża fil-qorti tal-ewwel grad il-proċediment jispiċċa iżda ma jispiċċax il-jedd għall-azzjoni*." Dan ifisser li kwalsiasi jedd t'azzjoni possedut mill-attur baqa' intatt nonostante li l-procediment kien waqa' dezert.

---

[2] Irid jinghad madankollu li l-pozizzjoni hija kemmxejn diversa kemm-il darba l-attur jirrinunzja wkoll ghall-azzjoni. Kif ritenut mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza tas-6 ta' Dicembru, 1871 *in re* **Neg.te Michele Albanese et noe v. Can. Arciprete Michele Albanese noe**, "*Che sebbene l'effetto della rinuncia agli atti di regola si limita al solo annullamento degli atti, tuttavia pero' quando la nota di rinuncia agli atti contiene espressioni particolari dale quali si potesse scorgere un'abbandono dell'azione, l'effetto di una tale rinuncia si estende anche all'estinzione dell'azione.*"

[3] Mhux ta' "sitt xhur", peress li l-emendi ta' l-ATT Nru XXXII tal-2021 ma japplikawx ghall-prezenti kaz stante li l-istess proceduri gew mibdija fid-29 ta' Jannar, 2020, ossia qabel l-entrata fis-sehh ta' l-imsemmi Att (skond il-paragrafu §13 ta' l-Att Nru XXXII tal-2021, "*Kawżi li huma differiti sine die u appelli li saru qabel id-dħulfis-seħħ ta' dan l-Att għandhom jibqgħu regolati bil-liġi kif kienetqabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att.*")

Addizzjonalment, il-prezenti kawza ma gietx istitwita kontra l-istess parti mharrka [i.e., kontra Graziella DeCesare (K.I. nru. 0144063M)], izda kontra persuna morali, li hi separata, distinta u awtonoma minn dik imharrka fil-kawza l-ohra bir-referenza numru 290/2018/CZ. Ghalhekk, kwalsiasi referenza ghal dezerzjoni kif tippretendi l-kumpannija konvenuta odjerna hija immaterjali u rrilevanti ghax tikkoncerna proceduri gudizzjarji li huma distakkati minn dawk prezenti u li kienu, u huma, ghall-istess kumpannija, *res inter alios acta*.

Ghalhekk, l-ewwel eccezzjoni tal-kumpannija konvenuta qed tigi michuda.

Nghaddu issa ghat-tieni eccezzjoni, li tghid u trid illi l-istanza attrici hi irritwali u nulla in virtù ta' l-Art. 907(2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta peress li l-attur naqas milli jhallas l-ispejjez tal-kawza l-ohra (referenza numru 290/2018/CZ) li hu stess kien fetah ghall-istess haga, qabel ma beda' l-proceduri tal-lum.

Taht il-profil ta' din l-eccezzjoni, it-Tribunal qed jigi msejjah jiddeciedi jekk il-fatt li l-attur naqas li jhallas l-ispejjez gudizzjarji qabel ma bdiet il-prezenti kawza (ie., l-ispejjez gudizzjarji ta' kawza bejn l-istess partijiet fuq l-istess mertu), hijiex fatali ghalih skond dak precizat fl-Art. 907(2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Din id-disposizzjoni tipprovdi li, "*Il-parti li tirrinunzja għall-atti għandha tħallas l-ispejjeż tal-kawża u hija ma tistax tibda kawża oħra għall-istess ħaġa qabel ma tkun fil-fatt ħallset dawk l-ispejjeż lill-parti l-oħra.*"

Madanakollu, u kif fuq appena stabbilit, fid-dawl tal-fatt illi l-litigu odjern huwa distint minn dak li precedieh, din l-eccezzjoni m'ghandha l-ebda valur u ma tistax tissokkorri lill-prezenti kumpannija konvenuta.

Il-proceduri l-ohrajn (referenza numru 290/2018/CZ) u dawk tal-lum, ghalkemm *prima facie* simili, huma fundamentalment zewg proceduri gudizzjarji distinti u awtonomi minn xulxin. Kif diga' inghad aktar kmieni, fil-kawza l-ohra, il-prezenti attur kien qed jitlob il-hlas minghand Graziella DeCesare (K.I. nru. 0144063M) personalment, filwaqt li f'din il-procedura l-istess attur qed isejjah lill-kumpannija 'Attec Company Limited' ghall-hlas. Ghalhekk, jekk l-attur effettivament hallasx l-ispejjez gudizzjarji *o meno* lill-konvenuta Graziella DeCesare (K.I. nru. 0144063M) in kollegament mal-proceduri bir-referenza numru 290/2018/CZ, ma jaffettwax il-posizzjoni guridika tieghu dinanzi ghall-kumpannija hawnhekk konvenuta.

In forza tal-principju ta' "distinct juridical personality" tal-kumpannija mharrka – precett ormai rikonoxxut mill-gurisprudenza lokali minn zmien antik u kif ukoll fil-Ligi pozittiva [*vide* Art 1A tal-Kodici Civili u Art. 4(4) ta' l-"Att Dwar il-Kumpanniji" (Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta)] – kwalsiasi dejn (fil-forma ta' spejjez gudizzjarji) bejn l-attur u l-imharrka Graziella DeCesare (K.I. nru. 0144063M) *in personam* huwa dejn awtonomu u distint minn dak li talvolta jista' jkun naxxenti mir-relazzjoni processwali u guridika fil-kaz odjern bejn l-istess attur u l-kumpannija

‘Attec Company Limited’ (reg. nru. C-10639). Ghalhekk, hija, se mai, Graziella DeCesare (K.I. nru. 0144063M) li tippossjedi l-jedd li tezigi l-hlas ta’ tali spejjez gudizzjarju, u mhux ukoll il-kumpannija ‘Attec Company Limited’ (reg. nru. C-10639) illi ma nkorriet fl-ebda spejjez gudizzjarji minhabba l-attur in konnessjoni mal-procediment bir-referenza numru 290/2018/CZ.

Ghalhekk, l-Art. 907(2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta huwa inapplikabbli ghal dan il-kaz ghax l-istess jista’ biss jigi invokat minn dik l-istess parti mharrka fil-proceduri ta’ qabel. Bhala korollarju, anke t-tieni eccezzjoni tal-kumpannija konvenuta qed tigi rigettata.

Fi kwalsiasi kaz – u *gratia argomenti* – li kieku tassew l-Art. 907(2) kellu jkun applikabbli ghal dan il-kaz, il-qrati taghna qatt ma waqghu fuq, jew applikaw, l-estrem assolut ta’ l-irritwalità u/jew tan-nullità ta’ l-istanza attrici, hekk kif tezigi l-kumpannija konvenuta f’din l-eccezzjoni taghha. B’ezemplari, issir referenza ghas-sentenza *in re* **Anna Ellul et v. Anthony Caruana et** (Prim’Awla, 19 ta’ Frar, 2008) fejn inghad li, “*għalkemm is-smigħ tal-kawża dwar it-talbiet ta’ l-atturi ma jistax jinbeda qabel ma dawn ikunu ħallsu l-ispejjeż ta’ l-ewwel kawża, il-konsegwenza tkun mhux illi jitħassru l-atti iżda illi l-kawża tibqa’ sine die sakemm l-ispejjeż ikunu tħallsu*.” Ara wkoll, ghal dak li jiswa’, is-sentenza *in re* **Carmelo sive Charles Farrugia v. Michael Camenzuli et** (Prim’Awla, 28 ta’ Frar, 2011) fejn giet applikata t-teorija ta’ *ius superveniens* in kollegament ma’ l-Art. 907(2) tal-Kodici ta’ Procedura Civili u dan sabiex, in parti, tigi salvata l-istanza.

Trattati u skartati l-ewwel zewg eccezzjonijiet, it-Tribunal idawwar l-attenzjoni Tieghu ghat-tielet wahda illi permezz taghha l-kumpannija konvenuta teccepixxi l-preskrizzjoni estintiva ta’ l-istanza attrici a tenur ta’ l-Art. 2149(a) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta li jrid illi, “*l-azzjonijiet ... tal-kuntratturi ta’ bini ... jew ta’ xogħlijiet oħra ta’ injam, ġebel, jew materjal ieħor, għall-opri maħdumin minnhom jew għall-materjali li jfornu*” jaqghu bit-trapass ta’ zmien sentejn

Skond l-Art. 7(1) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, nonostanti li, “*it-Tribunal għandu jaqta’ kull talba u kontro-talba li jkollu quddiemu prinċipalment skont l-ekwità*”, hu previst b’mod espress illi, “*f’kull każ, kull kwistjoni li jista’ jkun hemm dwar il-preskrizzjoni għandha tinqata’ skont il-liġi*.” Issa, skond l-Art. 730 tal-Kodici ta’ Procedura Civili, “*L-eċċezzjoni ta’ inkompetenza jew ta’ illeġittimità ta’ persuna, u l-eċċezzjonijiet ta’ transazzjoni, arbitraġġ, res judicata, preskrizzjoni jew nullità ta’ atti, għandhom jiġu deċiżi b’kapi għalihom, qabel, jew flimkien mas-sentenza fuq il-meritu*.” F’dan il-kaz, u kif diga’ precizat aktar kmieni, dan it-Tribunal qed jemetti l-prezenti sentenza preliminari *a se stante* u qabel is-sentenza fuq il-mertu. Sussegwentement – naturalment dejjem dipendenti mill-ezitu tal-kunsiderazzjonijiet u konkluzjoni raggunta dwar tali aspett tal-procediment f’din id-decizjoni – il-procediment imbaghad jissokta versu l-mertu tal-vicenda bejn il-kontendenti. Ghalhekk, michuda din l-eccezzjoni, il-procediment jissokta ghal dak li jirrigwarda l-mertu, filwaqt li jekk l-istess eccezzjoni tigi akkolta, l-istess procediment jieqaf hawnhekk.

Nistharrgu issa din l-eccezzjoni li trid li l-istanza hi kolpita mill-preskrizzjoni estentiva ta' sentejn u li ghalhekk twaqqaf il-jedd t'azzjoni ta' l-attur milli jippretendi l-hlas minnu domandat.

Il-kovenuta tikkontendi li l-istanza attrici hi milquta minn dak it-terminu preskrittiv kontemplat fil-paragrafu (a) ta' l-Art. 2149 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta). Minhabba tali linja difensjonali, jispetta lill-konvenuta li taghti sustanza lil tali difiza u li tforni provi tajbin u konkreti biex turi li tali citata disposizzjoni hija, effettivament, applikabbli ghac-cirkostanzi ta' dan il-kaz u li z-zmien dettat minn tali disposizzjoni ghadda. Ghalekk, minhabba tali linja difensjonali partikolari, l-oneru probatorju relattiv jghaddi temporanjament fuq il-konvenuta, illi temporanjament ukoll issir, b'mod *ad hoc*, parti attrici. Kif ritenut *in re* **Pasquale Bonello v. Matteo Grech** (Qorti tal-Kummerc, 9 ta' Jannar, 1875), "*la prescrizione è una eccezione opposta alla azione, ed è regola invariabile che il convenuto in questo caso diventa attore, spettando a lui di provare ciò che serve di fondamento alle sue eccezione – (Chardon, 'Del Dolo e delle Frode', Vol, I, Toullier, Vol. IV para. §612)*."

F'dan l-istadju tal-procediment, dan it-Tribunal hu kjamat, bi dmir, jezamina u jiggudika jekk in-negozju odjern bejn il-litigandi huwiex wiehed illi jirrijentra fid-deskrizzjoni u definizzjoni ta' l-ghoti ta' xoghol u/jew opri u/jew fornitura ta' materjal, hekk kif delinejat fl-imsemmi dispost tal-Kodici Civili u sussegwentement – stabbilit dan l-ewwel punt u dipendenti minnu – jekk l-attur intavolatx il-kawza fi zmien utili *o meno* u jekk kienx hemm xi fattur sospensiv jew interruttiv ta' tali zmien preskrittiv.

Inoltre, hawn isir accenn ghal dak li ntqal *in re* **Vincent Buttigieg v. Qala St. Joseph Football Club** (Qorti tal-Magistrati [Ghawdex] Gurisdizzjoni Supejuri, 14 ta' Dicembru, 2007) u cioè illi, "*il-konvenut li jecepixxi l-preskrizzjoni estintiva tal-azzjoni ma jehtieglu jipprova xejn hlief li l-preskrizzjoni eccepieta hi dik li tapplika ghall-kaz u li ddekorra t-terminu preskrittiv. Dan stabbilit, sta ghall-attur kreditur li jghazel it-triq kif irid jiddefendi ruhu kontra din l-eccezzjoni bil-mezzi li tghatih il-ligi. Hu l-attur li jrid jipprova s-sospensjoni jew l-interruzzjoni tal-perjodu preskrittiv jew l-ammissjoni tal-kreditu mill-konvenut jew alternattivament li jsejjahlu ghall-gurament decizjorju*." Ghalhekk, sta ghall-parti konvenuta li tipprova li l-preskrizzjoni minnha sollevata – sabiex tinnewtralizza l-azzjoni promossa kontriha – hi effettivament dik applikabbli ghall-kaz *de quo*. Fi kliem iehor, u fil-konkret ghall-kaz in dizamina, l-oneru probatorju li n-negozju li ghadda bejn l-attur u l-konvenuta jikkwalifikax bhala ghoti ta' xoghol u/jew opri u/jew fornitura ta' materjal jirrisjedi esklusivament fuq din ta' l-ahhar. Hija l-parti konvenuta li trid tissodisfa dan l-oneru sabiex tiskarika l-istess minn fuqha u, *ergo*, "tirbah" l-eccezzjoni minnha mqanqla u dan ghax – kif diga' muri *supra* – f'certi kazijiet il-parti konvenuta bl-eccezzjoni taghha stess tirrivesti l-libsa ta' 'parti attrici' in forza tal-principju "*reus excipiendo fit actor*" bl-obbligu li tipprova dak li tkun eccepiet.[4]

[4] F'dan is-sens, fost diversi u bosta, ara *in re* **John Baptist Zammit noe v. Joseph Vella noe** (Qorti tal-Magistrati [Ghawdex] Gurisdizzjoni Supejuri, 23 ta' Mejju, 2008).

Apparti dan, illum-il gurnata l-konvenut irid jissodisfa ingredjent iehor meta jeccepixxi certu preskrizzjonijiet, ossia hemm rekwizit iehor li jrid jigi skarikat mil-istess konvenut. Dan ir-rekwizit jinsab previst fl-Art. 2160(1) tal-Kodici Civili li jghid hekk: "*Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, ma jagħtux ġurament minn jeddhom waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa*." Tali disposizzjoni giet emendata permezz ta' l-Att I ta' l-2017, li dahal fis-sehh fit-13 ta' Jannar, 2017 u l-emenda relattiva hi krucjali. Qabel dakinhar id-disposizzjoni kienet tikkontempla l-possibiltà fejn l-attur jaghti l-gurament decizorju lill-konvenut. Infatti, qabel l-istess disposizzjoni kienet tghid li, "*Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157 m'ghandhomx effett jekk il-partijiet li jeccepuhom, meta jinghata lilhom il-gurament, ma jistqarrux li mhumiex debituri, jew li ma jiftakarx jekk il-haga gietx imhallsa*". Bl-emenda li saret bl-Att I ta' l-2017 il-legislatur nehhal l-*onus* minn fuq il-parti attrici u impona fuq il-konvenut l-obbligu li jiehu l-gurament *di sua sponte*. Fin-nuqqas li jaghmel hekk, il-konvenut ma jkunx jista' jiehu beneficcju mill-preskrizzjonijiet il-qosra msemmija fl-Art. 2160(1). Ghalhekk, qabel kien l-attur li kellu jsejjah lill-konvenut u lilu jiddifferlu l-gurament decizjorju, filwaqt li issa l-oneru jinsab fuq il-parti konvenuta li bil-gurament taghha tistqar li mhux debitur jew li m'ghandux rikollezzjoni tal-hlas.[5]

Debitament skarikati dawn l-oneri, kollox jerga' joxxilla fuq l-attur sabiex dan, da parti tieghu, jipprova jew li t-terminu preskrittiv mhux applikabbli jew li l-istess gie sospiz, jew li dan gie interrott jew alternittivament li d-debitur b'xi fatt, espress jew tacitu, ammetta l-kreditu.

Izda f'dan l-istadju, qabel ma t-Tribunal jintrattjeni studju biex jara jekk il-preskrizzjoni skond l-Art. 2149(a) tal-Kodici Civili tistax tigi akkolta jew le, wiehed irid necessarjament jara jekk f'dan il-kaz il-kumpannija konvenuta mxietx konformement ma' dak specifikat fl-Art. 2160(1) tal-Kodici Civili, ossia jekk waqt dawn il-proceduri, minn rajha u bil-gurament, l-istess konvenuta stqarritx li m'hijietx debitrici, jew li ma tiftakarx jekk il-haga gietx imhallsa.

Fil-prezenti kaz id-direttrici tal-kumpannija konvenuta, Graziella DeCesare, ressqet affidavit fejn, *inter alia*, stqarret bil-gurament taghha li, «*Jien niddikjara li l-kumpannija minni rapprezentata m'hijiex debitrici tal-attur Rennie Azzopardi.*» (*a fol*. 75). Akkompanjat ma' tali affermazzjoni bil-

[5] F'dan is-sens ara *in re* **Bottega del Marmista Ltd v. Paul Mifsud et** (Appell Inferjuri, 26 ta' Jannar, 2018) u d-decizjoni *in re* **Automated Revenue Management Limited pro et noe v. Topcar Limited** (Qorti tal-Magistrati [Malta], 17 ta' Jannar, 2018) li fiha inghad hekk: "*Il-liġi għalhekk daret ċirku tond ghal dak li kienet oriġinarjament – jew kważi; ghaliex ix-xelta ghall-ghoti tal-gurament* [...] *tnehhiet minn idejn il-kreditur u saret tassattiva. Din hija bidla radikali. Billi huwa l-debitur-konvenut li jrid jixhed, din il-Qorti hija tal-fehma li dan ghandu jsir biss wara li jintemmu l-provi tal-kreditur-attur li allura jkollu kull opportunità jressaq il-provi dwar l-ezistenza tal-kreditu, u kwalunkwe sospensjoni jew interruzzjoni tal-perjodu tal-preskrizzjoni. Il-Qorti hija tal-fehma li l-gurament baqa' deċiżorju fis-sens biss li jimpunja l-kreditu pretiż iżda mhux ukoll is-sospensjoni jew l-interruzzjoni tal-perjodu tal-preskrizzjoni. Altrimenti jkun ippregudikat il-kreditur li ebda prova ma jkollu disponibbli jekk id-debitur jagħżel li jifruwixxi ruhu mill-gurament. Din żgur ma kinitx l-intenzjoni tal-leġislatur. Bir-rispett kollu lejn il-Leġislatur, kien ikun hafna ahjar li kieku l-gurament deċiżorju baqa' jigi deferit lid-debitur a xelta tal-kreditur, kif kienet il-ligi originarjament u ghal sekli shah*."

gurament, it-Tribunal ha wkoll qies ta' dak li sostniet l-istess Graziella DeCesare, matul il-perkors kollu tal-procediment, ossia meta kontro-ezaminata fl-udjenza ta' l-4 ta' Mejju, 2021.

Ghat-Tribunal xhieda bhal din hi bizzejjed biex tissodisfa dak mehtieg skond ic-citat Art. 2160(1), avut rigward ghal dak li jinsab deciz mill-qrati taghna u cioè li, kif jirrizulta car anke mill-principju "ubi lex voluit dixit", min jeccepixxi l-preskrizzjoni m'ghandux ghalfejn jaghti raguni ghalfejn huwa jikkunsidra li m'huwiex debitur, dejjem salv dawk il-kazijiet fejn il-Ligi tippreskrivi diversament.

Sodisfatti l-ingredjenti sanciti that l-Art. 2160(1), issa t-Tribunal jghaddi ghal ezami tal-preskrizzjoni eccepita u l-validità taghha ghal dan il-kaz.

Kif minn diga' maghdud, l-Art. 2149(a) tal-Kodici Civili jrid illi, "*l-azzjonijiet ... tal-kuntratturi ta' bini ... jew ta' xogħlijiet oħra ta' injam, ġebel, jew materjal ieħor, għall-opri maħdumin minnhom jew għall-materjali li jfornu*" jaqghu bit-trapass ta' zmien sentejn. Tali disposizzjoni giet interpretata mill-qrati taghna f'diversi okkazzjonijiet u s-segwenti huma ftit ezemplari fost bosta ohra:

**(i)** fil-kawza *in re* **Paul Sapienza v. Walter Antignolo** (Qorti tal-Kummerc, 5 ta' Dicembru, 1935; pubblikata f'*Kollez*. Vol. XXIX-III-187) inghad li, "*meta r-relazzjoni bejn il-partijiet tirreferi ghall-fornitura ta' bicca xoghol, il-preskrizzjoni applikabbli hija dik ta' l-artikolu 2149(a) tal-Kap. 16 u mhux dik taht l-artikolu 2148(a) li tirreferi ghal xoghol maghmul ghal haddiehor bl-imnut. Hekk l-art. 2149(a) jippresupponi l-ezistenza ta' kuntrattur u kuntratt bejn il-partijiet ghall-fornitura tal-materjal jew it-twettieq ta' bicca xoghol. Ghalhekk mastrudaxxa jkun regolat bl-artikolu 2148(a) meta jitlob il-prezz tax-xoghol tieghu, imma jekk jassumi kuntratt definit ta' provvista, l-azzjoni tieghu tkun regolata bl-art. 2149(a).*";

**(ii)** fil-kawza *in re* **Langdale Limited v. Jon David Limited** (Appell Inferjuri, 3 ta' Novembru, 2004) il-Qorti ddistingwit bejn il-preskrizzjoni li qed tigi hawnhekk kunsidrata minn dik kontemplata taht l-Art. 2148(a) u sostniet hekk: "*Kif spjegat mill-Qorti tal-Kummerc fis-sentenza riportata a Vol. XLII P III p 1151, il-preskrizzjoni stabbilita fl-Artikolu 2148 (a) tapplika ghal krediti ta' artifici li jipprestaw l-opra taghhom, filwaqt li fil-kaz ta' l-Artikolu 2149 (a) il-preskrizzjoni tirriferixxi ghall-krediti ta' dawk li fihom tkun prevalenti l-karattru ta' spekulaturi, u li, aktar minn opra, jipprestaw xoghol – opus – minghajr distinzjoni in rigward tan-natura tax-xoghlijiet u minghajr qies ta' l-importanza tas-somministrazzjonijiet*." Fis-sentenza preliminari *in re* **Transmec Services Limited v. Joseph Mallia Bonello** (Prim'Awla, 9 ta' Novembru, 2007) insibu deskrizzjoni tad-distinzjoni aktar netta, u cioè li, "*Id-differenza bejn il-preskrizzjoni taħt l-art. 2148(a) u dik taħt l-art. 2149(a) hija illi ta' l-ewwel tolqot l-azzjonijiet ta' l-artiġjana waqt illi tat-tieni tolqot l-azzjonijet tal-kuntratturi*.";

**(iii)** fis-sentenza *in re* **A.F. Ellis Limited v. Michael Said** (Qorti tal-Magistrati [Malta], 8 ta' Frar, 2001) addottat il-kwotazzjoni citata *supra* fil-paragrafu (a) u applikata f'kaz ta' fornitura u installazzjoni ta' tarag tal-granit. Dik il-Qorti sostniet, *inter alia*, li, "*il-konvenut ma marx ghand id-ditta attrici biss biex jordna l-granit, hadu mieghu u qeghdu hu jew haddiehor ghalieh, imma ordna l-granit, li gie maqtugh fuq qisien specifici u mqieghed ghandu mill-impjegati ta' A.F. Ellis, u dan huwa appuntu dak li nifhmu b'kuntratt ta' appalt*." Fil-kawza *in re* **Paul Abela et v. Adrian Elich et** (Prim'Awla, 1 ta' April, 2003) inghad li, "*l-artikolu 2149(a) japplika għall-każijiet fejn persuna twettaq ħidma spekulattiva li r-riskju tagħha jibqa' fil-persuna li tagħmel ix-xogħol sakemm issir il-kunsinna, u għalhekk biex preskrizzjoni tista' tirnexxi fuq dak l-artikolu jrid jintwera li bejn il-partijiet kien hemm kuntratt ta' appalt, u mhux kuntratt ta' bejgħ ta' biċċa xogħol*." F'dan is-sens ukoll ara *in re* **Mizzi noe v. Delicata pro et noe** (Qorti tal-Kummerc, 14 ta' Ottubru, 1954; riportata f'*Kollez*. Vol: XXXVIII-III-710), *in re* **Muscat v. Tabone** (App Civili, 18 ta' Frar, 1963 riportata f'*Kollez*. Vol: XLVII-I-102), *in re* **Dr. Giovanni Bonello noe v. AIC Joseph Xuereb et noe** (Qorti tal-Kummerc, 19 ta' Novembru, 1974; mhux pubblikata) u *in re* **Paul Formosa v. Salvu Debono** (Appell Civili, 5 ta' Ottubru, 2001; mhux pubblikata);

**(iv)** fid-decizjoni *in re* **Salvu Attard v. Mark u Georgeann Meilak** (Prim'Awla, 1 ta' Lulju, 2007) gie deciz hekk: "*L-artikolu 2149(a) jipprovdi li l-azzjonijiet tal-kuntratturi ta' bini jew ta' xogholijiet ohra ta' njam, jew materjal iehor ghall-opri mahdumin minnhom jew ghall-materjal li jfornu jaqghu bi preskrizzjoni ta' l-gheluq ta' sentejn. Jiddependi hafna mill-agir u l-intenzjoni tal-partijiet u jekk l-intenzjoni kienetx wahda di dare l-kuntratt ghandu jitqies bhala bejgh waqt li jekk l-intenzjoni kienet di fare japplikaw il-principji ta' l-appalt [Qorti Kummercjali, George Camilleri vs Joseph Mamo noe, 28/08/1951, Kollez. Vol. XXV.iii.639), u George Vassallo vs Lawrence Fenech et noe, 26/04/1988, u Appell Inferjuri Civili, Frederick Micallef noe et vs May Sullivan, 22/11/2002]. Hu sufficjenti li wiehed ihares lejn in-natura tax-xogholijiet li gew esegwiti mill-attur fejn minbarra li sar xoghol tal-konkos, l-attur ipprovda wkoll il-materjal u l-armar* [ . . . ] *Illi sabiex tigi determinata liema hija l-preskrizzjoni applikabbli ghall-azzjoni partikolari wiehed irid jezamina d-dispozizzjonijiet partikolari tal-kuntratt li minnu titwieled l-azzjoni, u fl-ewwel lok jistabilixxi s-sustanza tar-relazzjoni guridika ezistenti bejn il-partijiet. Id-dispozizzjoni taht l-artikolu 2149(a) ma tikkontemplax il-kaz ta' fornituri ta' materjal in genere, izda tal-fornituri li jsiru minn appaltaturi ta' xogholijiet, li flimkien mal-opra taghhom ikunu in konnessjoni mal-istess opera fornew ukoll il-materjali mehtiega (Ara A.M.C. Marketing Ltd vs Pletz Holdings Ltd, deciza mill-Prim'Awla Qorti Civili fit-22 ta' Frar, 2002). Hekk gie ribadit ukoll fis-sentenza deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet Paul Formosa vs Salvu Debono deciza fil-5 ta' Ottubru 2001*.";

**(v)** fil-kawza *in re* Victor Portelli v. Mark Psaila (Prim'Awla, 30 ta' April, 2013) inghad li, "*ghall-applikazzjoni ta' dan l-artikolu [i.e., Art. 2149(a)] irid jissussisti l-element ta' "opus" da parti tal-kuntrattur fil-konfront tal-eccipjent altrimenti l-kontrattazzjoni tkun wahda ta' bejgh ordinarju u ma jinqabadx mill-imsemmi artikolu*." Fuq l-istess stregwa huma *in re* **Victor Camilleri v. Emanuele Abela et** (Qorti tal-Kummerc, 31 ta' Mejju, 1977; mhux pubblikata) u *in re* **Maria Camilleri v. John Licari** (Prim'Awla, 16 ta' Ottubru, 1972; mhux pubblikata).

Fil-kaz in ezami l-attur qed jiddomanda lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-kumpannija konvenuta thallsu s-somma ta' €4,486.93c kif minnu indikat fl-Avviz tat-Talba, liema cifra tirraprezenta "*il-bilanc li ghadu dovut mis-socjetà konvenuta ghal xoghol ta' elettriku, plumbing u drains li gie debitament ezegwit mill-attur fuq inkarigu ta' l-istess socjetà konvenuta fuq il-fond gewwa l-Gharghur*." (*a fol*. 2). Dan qed jaghmlu in forza ta' ftehim t'appalt datat l-4 ta' Mejju, 2015 illi jirregola l-inter-relazzjoni bejn il-konvenuta *qua* kommittent u l-attur *qua* appaltatur. F'tali ftehim hemm specifikat li l-appaltatur kellu jwettaq "*works as instructed from time to time by* [the] *employer*" u li fil-konsiderazzjoni relattiva ghall-hlas lilu dovut, kien hemm "*the costs and fees due in respect of VAT, transport, haulage, labour, all metrials, hoisting of the materials, cleaning both during and after completion*" (*a fol*. 49). Mid-dinamika tar-relazzjoni negozjali, huwa alkwantu palezi li l-attur ma kellux solament jaghti l-materjal lill-konvenuta izda wkoll li jattiva ruhu u jwettaq xoghol t'appalt, ossia li jippresta wkoll il-mano d'opera tieghu bil-ghan li certu materjal minnu fornit jigi minnu mahdum u minnu stess trasformat, jew mutat, f'*opus.*

Ghalhekk, jidher illi, effettivament, din hija l-preskrizzjoni applikabbli ghall-odjern kaz – cioè dik ta' sentejn taht l-Art. 2149(a) tal-Kodici Civili – galadarba l-attur kien inkarigat mill-kumpannija konvenuta biex jezegwixxi certu tip ta' xoghlijiet (*opus*) skond certu specifikazzjonijiet lilu dettati mill-kommittent tieghu u li f'tali ezekuzzjoni tax-xoghol, addirittura, l-istess attur appaltatur kellu wkoll jipprovdi u jiehu hsieb il-provvista ta' metarjal kif esplicitament definit fil-ftehim t'appalt.

Hawnhekk, tinfetah parentezi sabiex it-Tribunal iwettaq osservazzjoni brevi dwar aspett partikolari sottomess fit-trattazzjoni da parti ta' l-attur.

Waqt it-trattazzjoni fl-udjenza tat-22 ta' Gunju, 2021, l-attur, tramite d-difensur tieghu, ghamel referenza ghas-sentenza preliminari ta' dan it-Tribunal, diversament presedut, *in re* **Victor Farrugia v. Joshua Pirotta** (deciza fil-25 ta' Jannar, 2021; ref. nru. 389/2019/PM), u sostna li f'kaz ta' appalt, il-preskrizzjoni applikabbli hija dik ta' hames snin, u dan skond l-Art. 2156 tal-Kodici Civili. Sostna wkoll li tali decizjoni kellha sitwazzjoni simili ghal dik odjerna u li dan it-Tribunal, diversament presedut, kien iddecieda li l-Art. 2149(a) tal-Kodici Civili ma kienx rilevanti ghal tali sitwazzjoni, izda dak pertinenti kien l-Art. 2156 tal-Kodici Civili.

Dwar tali sottomissjoni – partikolarment ghar-referenza ghac-citata sentenza – it-Tribunal, wara qari ta' l-istess decizjoni, ma jistax ma jinnutax l-errur grossolan ta' l-attur fl-interpretazzjoni (jew impressjoni) tieghu ta' tali gudikat.

Fl-ewwel lok, fil-kawza *in re* **Victor Farrugia v. Joshua Pirotta** kien il-kommittent li kien qed ifittex lill-appaltatur ghat-twettieq ta' xoghol imwettaq hazin u mhux skond is-sengha u l-arti. Tali sitwazzjoni ma tappartjenix lill-prezenti proceduri li huma bl-invers ta' l-ohrajn, ossia fejn huwa l-appaltatur li qed ifittex lill-kommittent tieghu ghall-hlas tas-servizzi u x-xoghol tieghu. Agguntivament, id-dinamika guridika u l-isfera ta' principji legali applikabbli ghal kaz wiehed u l-iehor in tema ta' preskrizzjoni applikabbli huma ferm diifferenti minn xulxin. Fit-tieni lok, fl-imsemmija sentenza preliminari m'hemm l-ebda dibattitu dwar l-Art. 2149(a) tal-Kodici Civili u li l-istess disposizzjoni hi rrilevanti jew inapplikabbli f'qafas ta' grajja processwali bhal m'hi dik hawn in ezami. Hawnhekk, jinhassu opportuni r-rimarki maghmula mill-qrati taghna fid-decizjonijiet *in re* **L-Avukat Dr. Dominic A. Cassar noe v. Lawrence Farrugia noe et** (Appell Superjuri, 19 ta' Gunju, 1989),[6] *in re* **Maria Cini v. Lucia sive Lucy Saliba et** (Appell Superjuri, 30 ta' Gunju, 2010),[7] u *in re* **Lec Limited v. Tabbingtons Limited** (Appell Superjuri, 19 ta' Aril, 2012).[8] Tali senjalazzjonijiet huma sufficjentement skjetti u elokwenti biex l-attur jircievi l-messagg li qed diplomatikament jitrazmetti t-Tribunal.

Maghluqa tali parentezi, it-Tribunal ikompli jikkunsdra kif isegwi;

Apparti dak asserit minn Grazielle DeCesare fl-affidavit taghha, ma ingabux provi konkreti ta' meta beda' ezattament ix-xoghol fuq is-sit tal-konvenuta u l-istess provi huma wkoll karenti ghal dak li jikkoncerna l-waqfien taghhom. L-imsemmija Graziella DeCesare tghid li x-xoghol beda' mmedjatament wara l-iffirmar tal-ftehim ta' appalt (*vide* para. §1; *a fol*. 75) u li x-xoghlijiet waqfu xi zmien matul is-sena 2017 (*vide* para. §2; *ibidem*). Tali narrattiva fattwali partikolari ma gietx kontradetta mill-attur permezz deposizzjoni *ad hoc* li tghid altrimenti u lanqas tramite kontro-ezami specifiku.[9]

---

[6] "*Il-Qorti tiddeplora l-fatt illi l-attur ikkwota lill-Professur Cremona – in parte – kif irrileva tajjeb il-konvenut Dalli – u halla barra proprju dik il-parti li taghmel test ghall-kwistjoni in dibattitu. L-esposizzjoni ta' kull tezi quddiem il-Qorti ghandha tkun animata minn sens ta' lealtá u precizjoni li meta jonqsu ma tistax ma ticcensurahomx.*"

[7] "*Huwa importanti li meta qorti ticcita minn sentenza – specjalment meta ticcita mix-chapeau li normalment jipprecedi r-riproduzzjoni tas-sentenza fid-decizjonijiet pubblikati – tassigura ruhha li l-fatti tal-kaz li ghalih tkun qed issir referenza jkunu identici ghall-fatti tal-kaz de quo, jew li ghall-anqas dik il-qorti tkun verament qed tenuncja principju ta' applikazzjoni generali. Huwa perikoluz hafna li wiehed jestrapola minn kawza ghal ohra (haga llum aktar facli bis-sistema tal-cut and paste tal-kompjuters) minghajr ma joqghod attent li dak li jkun qed jigi riprodott ikun verament applikabbli ghall-kaz de quo.*"

[8] "*huwa tajjeb illi min – bħas-soċjetà konvenuta – jiġih il-ħsieb illi jiċċita siltiet ta' sentenzi barra mill-kuntest tagħhom, ikun jaf u jżomm dejjem f'moħħu illi l-qorti ma toqgħodx biss fuq is-siltiet ċitati iżda tara wkoll is-sentenza sħiħa.*"

[9] F'tali cirkostanzi specifici u partikolari, dan it-Tribunal jhoss li jassumi certu rilevanza dak it-taghlim gurisprudenzjali u dottrinali li jghid li, "*Failure to cross-examine a witness who has given relevant evidence for the other side is held technically to amount to an acceptance of the witness's evidence in chief. It is, therefore, not open to a party to impugn in a closing speech, or otherwise, the unchallenged evidence of a witness called by his*

Peress li terminu preskrittiv ghandu jintrabat ma' data preciza, il-prova appena deskritta m'hijiex sufficjenti. Id-deskrizzjoni daqstant wiesa' li x-xoghol waqaf xi zmien matul s-sena 2017 hi parametru wisq vag u ambigwu u t-Tribunal ma jistax, lanqas b'ghazla tieghu, jorbot id-dekorriment ta' zmien preskrittiv ma' data li hija probatorjament inezistenti. Kif affermat *in re* **Carmen Xuereb v. Av. Anton Micallef** (Prim'Awla, 12 ta' Dicembru, 2013), "*M'huwiex il-kompitu tal-Qorti illi sabiex issib iz-zmien meta bdiet ghaddejja l-preskrizzjoni toqghod tfittex hi l-prova jew f'dak li jkun inghad bil-gurament jew f'dak li jirrizulta minn dokumenti. Dak huwa kompitu tal-partijiet. Ix-xoghol tal-Qorti huwa li tqis u taghrbel il-provi li jitressqu dwar it-talbiet u l-eccezzjonijiet. Fil-kaz tal-lum, almenu fejn jirrigwarda l-preskrizzjoni, dan baqa' ma sarx. Li jfisser li fil-kaz tal-lum ma tirrizultax, b'mod sodisfacjenti u sal-grad rikjest mil-ligi, id-data meta bdiet ghaddejja l-preskrizzjoni.*"

In tema ta' preskrizzjoni, jinsab rikonoxxut illi min jinvokaha ghandu jaghti l-prova tad-data preciza tad-dekorriment taghha ("inceptio prescriptio"). Fin-nuqqas ta' tali prova, min hu kjamat jiddeciedi ma jistax jilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni stante li ma jkunx gie determinat l-inizju tad-dekorriment tal-perjodu preskrittiv. Issa, peress li "*f'materja limitattiva tal-azzjoni, bhal ma hija l-preskrizzjoni, mhix ammissibbli l-interpretazzjoni estensiva, u l-preskrizzjoni hija istitut ta' interpretazzjoni strettissima"* (*cfr*. **Prof. Anthony J. Mamo ne v. Nutar Emmanuele Agius**, Appell Civili, 25 ta' Novembru, 1957) wiehed irid izomm quddiem ghajnejh illi min jecepixxi l-preskrizzjoni *"kellu jipprova l-element essenzjali tal-eccezzjoni tieghu u cioe' li kien bhala fatt iddekora t-terminu statutorju preskrittiv. Dana mid-data minn meta l-attur seta' jipproponi l-azzjoni. Altrimenti kien japplika l-principju 'contra non valentem agere non currit prescriptio"* (*cfr.* **Guido J. Vella v. Dr. Emanuel Cefai**, Appell Inferjuri, 5 ta' Ottubru 2001). Addizzjonalment, f'dan l-ahhar kaz citat, inghad inoltre li kien "*jispetta lill-konvenut li jistabbilixxi definittivament il-*

---

*opponent, or even to seek to explain to the tribunal of fact the reason for the failure to cross-examine* […] *Accordingly, it is counsel's duty, in every case: (a) to challenge every part of a witness's evidence which runs contrary to his own instructions; (b) to put to the witness, in terms, any allegation against him which must be made in the proper conduct of the case; and (c) to put to the witness counsel's own case, in so far as the witness is apparently able to assist with relevant matters, or would be so able, given the truth of counsel's case*" (*cfr*. **PETER MURPHY**, "Murphy on Evidence", 7th ed., 2000; p.511). L-istess hu l-awtur **G. D. NOKES** ("An Introduction to Evidence", 4th ed., Sweet & Maxwell, 1967; p.407), fejn jirrimarka illi, "*failure to cross-examine implies acceptance of the truth of the witness's testimony, as reiterated in R. v. Hart [(1932) 23 C.A.R. 202.]*." Dan it-taghlim jidher rifless fid-decizjonijiet tal-qrati u tribunal taghna *in re* **Joseph Gauci pro et noe v. Angelo Grixti** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 15 ta' Gunju, 2012); **Scicluna Installations Limited v. Direttur Qrati u Tribunali Kriminali** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 15 ta' Lulju, 2013); **Carmel Agius v. Abba Properties Limited** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 17 ta' Settembru, 2013); **Martin Chetcuti pro et noe v. Joseph Grech** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 8 ta' Jannar, 2014); **Edwin Cilia v. Carmela sive Melina Cilia** (Appell Superjuri, 28 ta' Settembru, 2012) u **Dr Alessandro Lia noe v. Kosecp (Distribution And Business Services) Ltd** (Qorti tal-Magistrati [Malta], 15 ta' April, 2015). Hawnhekk, it-Tribunal jenfasizza il-partikolarità tal-fattispeci tal-prezenti kaz. Jigi sottolinejat illi l-principju hawn diskuss hu wiehed eccezzjonali u solament applikabbli f'certi kazijiet fejn l-andament tal-provi u l-atteggjament tal-kontendenti fil-litigju ma jistghux ifissru jew jigu interpretati mod iehor. F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza ta' dan it-Tribunal *in re* **Emanuel Esposito v. Carmelo Mugliett** deciza fid-9 ta' Jannar, 2019 li fiha hemm riflessjonijiet u esposizzjoni dwar il-materja tal-kontro-ezami, fejn gie, *inter alia*, sottolinejat li kollox jiddependi mill-evoluzzjoni tal-kaz partikolari trattat u mill-assjem tal-provi.

*mument minn meta beda jiddekorri skond il-ligi t-terminu preskrittiv u jekk kienx effettivament hekk iddekorra minn dak il-mument sal-mument meta tkun giet intavolata l-azzjoni*."

B'zieda ma' dak appena maghdud, issir referenza ghall-Art. 2137 tal-Kodici Civili li jghid: "*Bla ħsara ta' disposizzjonijiet oħra tal-liġi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata; mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss*." Dan hu rifless tan-norma ta' "actio nata" li appropozitu, fid-duttrina akkreditata, intqal hekk dwarha: "*E' questo il concetto che si riassume nella formula tradizionale* – actio nata – *interpretata dalla comune dottrina nel senso che la prescrizione cominci in quel momento stesso, in cui nasce l'azione intesa a tutelare il diritto*" (*cfr*. **GIUSEPPE PUGLIESE**, "Trattato della Prescrizione Estintiva", §21).[10] Ta' l-istess fehma huwa l-**BAUDRY LACANTINERIE** ("Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile", Vol.XXVIII, §364), meta josserva li "*Quanto alla prescrizione estintiva il suo corso comincia in principio a partire dal giorno in cui e' nato il diritto o l'azione che e' destinata ad estinguere.*" Mix-xena domestika hemm is-sentenza, fost bosta ohrajn, riportata f'*Kollez*. **Vol. XXXVII-II-622** li fiha inghad li, "*Jehtieg jigi ezaminat meta jista' jsir dan l-ezercizzju (ta' l-azzjoni). Dan iz-zmien skond id-dottrina hu dak li fih tkun twieldet l-obbligazzjoni u li fih ikunu twieldu d-dritt u l-azzjoni konsegwenzjali*." Hawnhekk qed nitkellmu dwar il-*punctum temporis* minn fejn ghandhom jibdew jigu kkalkolati s-sentejn applikabbli, skond il-konvenuta, ghall-azzjoni attrici. F'aktar dettall, il-qrati taghna jghidu li, "*L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni trid tinghata tifsira restrittiva, u ghalhekk jekk ikun jezisti xi dubju dwar l-applikabilitá taz-zmien preskrittiv minn dak li jirrizulta mill-atti, tali dubju ghandu jmur kontra l-eccipjent*" (*cfr*. **Victor Portelli v. Mark Psaila**, Prim'Awla, 29 ta' Mejju, 2003; ara wkoll *in re* **Stencil Pave (Malta) Limited v. Kunsill Lokali Naxxar**, Prim'Awla, 30 ta' Ottubru, 2003). Inghad ukoll li, "*l-accertament tad-dekorrenza taz-zmien tikkostitwixxi indagini ta' fatt u dan jimporta illi inizzjalment jinkombi fuq il-konvenut li jissolleva l-preskrizzjoni, li ghandu, bhala fatt, jissodisfa, bi prova essenzjali, li t-terminu statutorju preskrittiv kien ghadda. Wiehed ma jridx jinsa li l-element kostituttiv ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hi l-manifestazzjoni, f'sens inekwivoku, tal-volontá tal-parti li ggib 'il quddiem l-estinzjoni bid-dekors taz-zmien tal-kreditu azzjonat fil-konfront tieghu. U allura logikament hu mistenni li l-konvenut jiddeduci, in sostenn tad-difiza tieghu, prova tad-data tad-dekorrenza ghall-iskop tal-komputa tal-perijodu preskrizzjonali.*" (*cfr*. **Luciano Martinelli noe v. Saviour Pisani**, Appell Inferjuri, 22 ta' Gunju, 2005).

Salv ghal dak li ser jinghad aktar 'l isfel, il-kumpannija konvenuta tonqos milli tindividwa d-data ta' meta ghandha tibda' tiddekorri l-preskrizzjoni minnha stess invokata. Kien jaqa' b'dover fuq l-istess konvenuta li tindika data preciza ghall-finijiet ta' preskrizzjoni. Hawnhekk qed nitkellmu dwar il-*punctum temporis* minn fejn ghandu jibda' jigi kkalkolat iz-zmien preskrittiv invokat minnha stess.

[10] Dan l-awtur hu citat ripetutament u *in extensio* fid-decizjoni, gja' *supra* msemmija, *in re* **Ester Degeatano et v. Joseph Rosso**.

Madanakollu, ghan-nuqqas tal-kumpannija konvenuta, ghamel tajjeb, *per modo di dire*, l-attur stess, meta dan ghazel li jressaq prova dokumentarja li turi serje ta' pagamenti lilu mwettqa fil-kors taz-zmien da parti tal-konvenuta ghax-xoghol t'appalt in dizamina. Dan ghamlu matul id-deposizzjoni tieghu in ezami fl-udjenza tat-22 ta' Gunju, 2021 meta ezibixxa *Statement* li huwa datat it-28 ta' Novembru, 2017 u li fih hemm elenkati erbgha (4) dati illi fihom il-konvenuta wettqet pagament akkont lilu (ara *a fol*. 95).

Il-pagamenti kienu dawn: (i) €2,000.00c imhallsa akkont b'*cheque* nru. 1230 fit-08.10.2016; (ii) €2,000.00c imhallsa akkont b'*cheque* nru. 1251 fis-16.10.2016; (iii) €3,000.00c imhallsa akkont b'*cheque* nru. 1376 fl-20.06.2017; u (iv) €3,000.00c imhallsa akkont b'*cheque* nru. 1411 fit-12.10.2017. Komplessivament, dawn kienu jammontaw ghal €10,000.00c u – dejjem skond l-istess dokument minnu ezibit – il-bilanc rimanenti kien ta' €4,486.93c, ossia dak li l-attur qed jippretendi f'dan il-kaz. Skond l-istess attur, metra kontro-ezaminat fl-udjenza tat-22 ta' Gunju, 2021, id-dati elenkati u indikati fl-imsemmi dokument minnu stess ezibit huma d-dati ta' meta l-kumpannija konvenuta ghaddietlu pagament. Ghalhekk, skond l-istess deposizzjoni, l-ahhar darba li sar hlas akkont kien permezz ta' *cheque* bin-numru 1411 nhar it-12 ta' Ottubru, 2017 u l-ammont relattiv kien ta' €3,000.00c. Ghalhekk ukoll, wara t-12 ta' Ottubru, 2017, l-imsemmi bilanc kien ghadu lilu dovut.

Ghalhekk, huwa mit-12 ta' Ottubru, 2017 illi t-terminu preskrittiv ta' sentejn, f'dan il-kaz, ghandu jibda' jiddekorri, u dan l'ghaliex:

**(a)** kif statwit taht l-Art. 2134 tal-Kodici Civili, "*Il-preskrizzjoni tinkiser ukoll bi ħlas akkont tad-dejn, magħmul mid-debitur innifsu jew minn wieħed li jkun jidher għalih*." Ghalhekk, f'tali stadju, permezz ta' tali pagament akkont il-kumpannija konvenuta kienet interrompiet (u mhux issospendiet) kwalsiasi zmien preskrittiv li kien ghaddej. Dan ifisser ukoll illi kwalsiasi terminu ta' preskrizzjoni applikabbli rega' beda jiddekorri mill-gdid minn tali data kif rikonoxxut fl-Art. 2136(2) tal-Kodici Civili; u

**(b)** kif maghdud fl-Art. 2137 tal-Kodici Civili, "*il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda' minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata; mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss*." Din hi riflessjoni legislattiva tal-massima antika ta "actio nata".[11] Ghalhekk, l-attur kellu jedd li jitlob il-hlas dwar il-bilanc lilu dovut mill-konvenuta mill-ghada tat-12 ta' Ottubru, 2017, izda mhux oltre t-12 ta' Ottubru, 2019; u

**(c)** L-imsemmi *Statement* inhareg mill-attur fit-28 ta' Novembru, 2017 u dan huwa indikattiv tal-fatt li fl-appena msemmija data l-istess attur kien konxju u ben konsapevoli li hemm bilanc determinat li kien qed jippretendi.

---

[11] F'dan ir-rigward, wiehed hu mistieden jara is-sentenza *in re* **Mario Farrugia v. Jonathan Pellegrini** deciza fil-31 ta' Ottubrur, 2019.

Issa, l-attur intavola il-prezenti proceduri gudizzjarji fid-29 ta' Jannar, 2020 u qabel tali proceduri – hekk kif jirrizulta mix-xhieda ta' Etienne Scicluna fl-udjenza tal-4 ta' Mejju, 2021 (*a fol*. 25) – ma kien tressaq l-ebda att gudizzjarju mill-attur kontra l-kumpannija hawnhekk konvenuta interruttiv tal-mixja taz-zmien preskrittiv. Ghalkemm fl-Avviz tat-Talba hemm referenza ghal ittra ufficjali mressqa fil-21 ta' Frar, 2018, kopja ta' l-istess baqghet ma gietx ezibita (u lanqas fil-proceduri bir-ref. nru. 290/2018/CZ). Madanakollu, fl-isfond ta' l-evoluzzjoni ta' din il-grajja u kif ukoll in vista ta' dak li sostna Etienne Scicluna, it-Tribunal jipprezumi illi jekk tassew tali ittra ufficjali tezisti u hija gjacenti fir-Registru tal-Qrati, l-istess giet emessa mill-attur kontra Graziella DeCesare *in personam* u mhux kontra l-kumpannija prezentement imharrka f'din il-kawza.

Dan ifisser li l-istanza ta' l-attur hija preskritta skond il-paragrfu (a) ta' l-Art. 2149 tal-Kodici Civili ghax lahaq ghadda z-zmien li fih hu kellu s-setgha li jfittex ghall-hlas.

Raggjunta din il-konkluzjoni, il-procediment jieqaf hawnhekk, bla htiega li jigi intrattenut il-mertu tal-vicenda processwali.

**Ghaldaqstant,** it-Tribunal, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet esposti u espressi f'din is-sentenza, filwaqt li qed jichad l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet tal-kumpannija konvenuta, jinsab jilqa' t-tielet eccezzjoni taghha biex b'hekk qed jiddikjara li t-talba attrici fil-konfront tal-kumpannija konvenuta hija preskritta skond il-paragrfu (a) ta' l-Art. 2149 tal-Kodici Civili.

L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri – minhabba n-natura tal-kaz, minhabba li certu eccezzjonijiet gew rigettati u b'applikazzjoni ta' l-Art. 10(1) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta – ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

***ft*. AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
*Gudikatur*

***ft*. ADRIAN PACE**
*Deputat Registratur*